

VOICE OF THE WORKERS

# Proposti għall-Budget 2018

# Daħla

Pajjiż li jrid jagħmel suċċess irid iħares lil hinn minn politika għal perijodu qasir. Politika responsabbli trid tħares kemm lejn il-preżent kif ukoll lejn il-ġejjieni. Politika li minnha mhux biss ingawdu aħna, imma jgawdu uliedna. Huwa għalhekk li l-UĦM *Voice of the Workers* tħaddan politika li tħares fit-tul. Huwa f'dan l-ispirtu li qed nippreżentaw diversi proposti li nemmnu li jistgħu jkunu ta' ġid għal Malta.

Il-proposti li qed tressaq il-UĦM *Voice of the Workers* għall-*Budget* 2018 jistgħu jgħinu ħafna biex ikollna pajjiż iktar ġust, b'saħħtu, imħejji għall-isfidi, kif ukoll li jkun lest li jiddiskuti u jargumenta fuq bażi tajba ta' riċerka. B'ħidma ffukata u bi ħsieb innovattiv, nistgħu nibnu pajjiż li jkun ta' fejda għal kulħadd.



Josef Vella
Leader of UHM
Voice of the Workers

# Il-Werrej


1 KUNTRATTI FUQ PORTALL

2 KOPERATTIVI

3 PENSJONIJIET

4 TRAFFIKU

5 TAĦRIĠ

6 IKEL SUSTANZJUŻ GĦAT-TFAL

7 EŻAMIJIET

8 INTERNET GĦAL KULĦADD

9 CROWDFUNDING

10 TAXXA

11 PROPRJETA’

12 BTAJJEL PUBBLIĊI

## Proposti għall-Budget 2018



# 1

# KUNTRATTI FUQ PORTALL

## Kulħadd ikollu kuntratt tax-xogħol reġistrat

Il-UĦM ilha għal dawn l-aħħar tliet snin tipproponi l-użu tat-teknoloġija sabiex tenforza d-drittijiet bażiċi minimi stabbiliti minn diversi liġijiet tax-xogħol. Dan jista' jsir permezz ta' portall fejn wieħed jista':

1. jagħżel tip ta' kuntratt;
2. jimla d-dettalji u d-drittijiet online li ma jħallux
3. kundizzjonijiet li jkunu inferjuri għall-minimu garantiti fil-liġi;
4. isir upload/download tal-kuntratt fuq l-internet.

B'din il-proposta, il-ħaddiema jkollhom kuntratt tax-xogħol u d-drittijiet bażiċi tagħhom ikunu salvagwardjati.

# Proposti għall-Budget 2018



2

3

## Investiment favur il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa

Qed nerġgħu nipproponu l-ħolqien ta’ koperattivi tal-ħaddiema li jħaddmu servizzi professjonali kif ukoll koperattivi ta’ ħaddiema oħrajn fl-għoti ta’ servizzi tas-saħħa lill-pazjenti. B’hekk il-ġid maħluq imur direttament għand il-familji ta’ dawn il-koperattivi.

Dan hu eżerċizzju b’saħħtu ta’ empowerment lill-ħaddiema kollha fil-qasam tas-saħħa. Permezz ta’ koperattiva, dawn il-ħaddiema jistgħu javvanzaw, kemm fil-karriera, kif ukoll fil-ġid li jiġġeneraw permezz tax-xogħol tagħhom stess.

Proposti għall-Budget 2018



# 3

## Nippromwovu l-adekwatezza u s-sostenibbilta' tal-pensjonijiet

Aħna nemmnu li s-sostenibbilta' tal-pensjonijiet fit-tul tibqa' kwistjoni peress li għadna kważi niddependu totalment fuq il-pensjonijiet tal-istat. B'aktar ċittadini Ewropej jaħdmu f'Malta, in-numru ta' pensjonanti jista' jogħla u dan il-fenomenu se jkun qed iżid il-piż tat-taxxi fuq il-popolazzjoni li taħdem. Dwar l-adekwatezza, din il-union tibqa' tisħaq li pensjonijiet bażati fuq ix-xogħol huma neċessarji sabiex jissupplimentaw id-dħul tal-irtirar. Aħna nemmnu li l-pożizzjoni

fuq il-pensjonijiet tat-Tieni Pilastru hi pari passu mad-Direttiva tal-Kummissjoni Ewropea tal-2016 li tipprovdi iżjed protezzjoni għall-pensjonijiet bażati fuq ix-xogħol.

Għal dawk li dalwaqt jirtiraw, u li malli jilħqu l-eta' tal-irtirar ma jkunux ħadmu sena sħiħa, nipproponu li tali persuni jitħallew iħallsu l-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali li tkopri perijodu ta' 12-il xahar. B'dan il-mod, ikunu intitolati għal pensjoni aħjar.

**Proposti għall-Budget 2018**



# 4

## Intaffu l-problemi fit-traffiku

Qed nipproponu ċentri tat-trasport permezz ta' arranġamenti bejn il-Gvern u l-Privat. Dan jista' jsir billi jinħolqu spazji għall-parkeġġ li jkunu provduti tul rotot stabbiliti mit-Tramuntana ta' Malta san-Nofsinhar tal-gżira.

Din il-proposta tista' tgħin biex it-traffiku jitnaqqas fit-toroq prinċipali filwaqt li l-pubbliku jkun moqdi b'faċilitajiet għall-parkeġġ u l-użu effiċjenti tat-trasport pubbliku jew mezzi possibbli oħrajn ta' trasport.

## Proposti għall-Budget 2018



# 5

## Inkattru kultura għal iżjed taħriġ

Qed nipproponu fond annwali għall-individwu li jkun qed jitħarreġ. Dan hu pari passu man-New Skills Agenda tal-Unjoni Ewropea u hu intenzjonat sabiex jipprovdi taħriġ strutturat u relevanti lill-ħaddiema li jiddependi fuq it-tip ta' xogħol li jsir iżda b'enfasi b'saħħitha fuq it-taħriġ fl-ICT.

Qed nipproponu wkoll allowance għall-ġenituri li jkomplu bl-istudji jew bit-taħriġ tagħhom. Din il-miżura hi intenzjonata sabiex tipprovdi opportunitajiet għall-ġenituri biex ikomplu jistudjaw. Fl-istess ħin tingħata spinta lir-rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni għolja fi żmien meta r-rata ta' Malta tinsab kważi wara l-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

## Proposti għall-Budget 2018

# 6



# IKEL SUSTANZJUŻ GĦAT-TFAL

## Lunches b'xejn għat-tfal fl-iskejjel

Ebda ikla mhi b'xejn, iżda jistgħu jsiru eċċezzjonijiet għat-tfal irrispettivament mid-dħul finanzjarju tal-familji tagħhom. Jekk nagħtu lunch sustanzjuż b'xejn lit-tfal, inkunu qed neliminaw diversi ostakli.

Din il-miżura toffri diversi vantaġġi: ikel ta' kwalita', inqas ġenn filgħodu għall-preparazzjoni qabel l-iskola, żvilupp ta' industrija ġdida b'ruħ soċjali, ċavetta fil-ġlieda kontra l-obeżita' fit-tfal u edukazzjoni lil uliedna kif jieklu għal saħħithom. Vantaġġi oħrajn jistgħu jinkludu: ħolqien ta' aktar postijiet tax-xogħol, kull tifel u tifla jkollu lunch xieraq, l-involviment tal-komunita' fil-qasam tan-nutrizzjoni, tħalli aktar flus fil-bwiet tal-familji Maltin u Għawdxin. F'termini ta' ċifri, din il-proposta tista' twassal għal aktar minn tmien miljun lunch lit-tfal tal-iskola fis-sena, jistgħu jiġu wżati fondi tal-UE biex jiffinanzjaw l-investiment inizjali fl-iskejjel u l-promozzjoni ta' din il-miżura filwaqt li dan l-investiment min-naħa tal-Gvern hu kkalkulat li jiġġenera €15-il miljun fl-ekonomija.

Proposti għall-Budget 2018




7

## L-eżamijiet qrib id-dar tagħna

Qed nipproponu li jkunu rranġati jew jinbnew swali fl-iskejjel biex jakkomodaw studenti mil-lokalita' jew minn postijiet fil-viċin għall-eżamijiet. Matul is-sena, dawn is-swali jistgħu jintużaw mill-iskola, mill-komunita' kif ukoll mill-NGOs.

Dawn is-swali għandhom ikunu mgħammra għal tal-apposta, ikollhom l-arja kundizzjonata, ikunu kompletament aċċessibbli u jkunu mgħammra b'apparat awdjo-viżiv. Ġemgħa ta' 6,000 student u 20 sala li tesa' 300 student fuq mejda u siġġu bi spazju ta' 11-il metru kwadru u b'budget ta' €50,000-il waħda, dan il-proġett nazzjonali jiġi jiswa €1 miljun. Tali proġett jista' jiġi ko-finanzjat minn fondi tal-UE permezz tal-ERDF.

## Proposti għall-Budget 2018

# 8



## Nagħmlu l-internet iżjed inklussiv

L-użu tat-telefonija ċellulari hu mifrux sew f'Malta. Madankollu, il-konnettività' waħidha mhix biżżejjed sabiex nassiguraw li n-nies hemm barra tkun tista' tibbenenika mill-internet. Il-poplu għandu jkollu l-ħiliet u l-kunfidenza biex jużah. B'internet inklussiv qed infissru li l-internet ikun disponibbli kullimkien, jista' għalih kulħadd u li użu tiegħu jħalli effetti soċjali u ekonomiċi pożittivi.

# 9



## Nippromwovu l-crowdfunding

Nipproponu li l-Gvern jipprovdi inċentivi dwar il-crowdfunding. Filwaqt li hemm potenzjal kbir fil-crowdfunding biex jikkumplimenta sorsi tradizzjonali ta' finanzjament u jikkontribwixxi għall-finanzjar tal-ekonomija reali, irid isir aktar sabiex nippromwovu l-crowdfunding u jkunu spjegati d-diversi benefiċċji li joħorġu minnu speċjalment għall-SMEs.

Irridu naraw kif jaħdem il-crowdfunding, x'jista' jwassal u x'jistgħu jkunu r-riskji marbutin miegħu biex il-fiduċja tkun stabbilita ma' dawk li huma lesti biex jikkontribwixxu kif ukoll mal-entita' tal-istat li tkun inkarigata mill-promozzjoni tagħha. Fuq kollox, il-crowdfunding jeħtieġlu leġislazzjoni adekwata sabiex jiffunzjona tajjeb.

# Proposti għall-Budget 2018



10

## Nindirizzaw inġustizzji fit-taxxa

Qed nipproponu aġġustament mill-ġdid tal-faxex fit-taxxa tad-dħul billi ndaħħlu l-mekkaniżmu tal-Aġġustament għall-Għoli tal-Ħajja (COLA). Din il-proposta tista' tindirizza l-inġustizzja li qed tolqot numru dejjem jiżdied ta' ħaddiema li, minħabba l-COLA, isiru suġġetti għal faxxa ogħla fit-taxxa.

Il-UĦM ukoll qed tipproponi li, b'rati iżjed baxxi fit-taxxa tad-dħul fuq ħlasijiet mis-sahra, il-ħaddiema jista' jibqagħlhom aktar mid-dħul gross tagħhom, b'riżultat li jkollhom iżjed x'jonfqu.

Nipproponu wkoll li kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali għandhom ikunu eżenti mit-taxxa. Qed nipproponu dħul gross aġġustat għal skopijiet ta' taxxa tad-dħul. Spejjeż relatati ma' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali għandhom jitnaqqsu mid-dħul attwali li persuna ddaħħal. Id-dħul gross aġġustat imbagħad jiddetermina t-taxxa obbligatorja ta' dak li jkun.

**Proposti għall-Budget 2018**



11

## Inċentivi fis-suq tal-proprjeta’

Sabiex tingħata spinta lis-suq tal-proprjeta’, nipproponu li propjetajiet li jkunu tħallew vakanti għal mhux inqas minn ħames snin, ikunu eżenti mit-taxxa fuq il-qligħ kapitali. Ninsabu mħassba dwar l-ispiża dejjem togħla tal-kera kif ukoll taż-żieda fil-prezzijiet tal-proprjeta’. Għalhekk, il-Gvern jeħtieġ li jipprovdi aktar inċentivi għal sidien ta’ propjeta’ vakanti sabiex il-propjeta’ tagħhom titqiegħed fis-suq.

Propjeta’ mhux residenzjali m’għandhiex tkun kategorizzata taħt l-iskema tal-first-time-buyer. Aħna nemmnu li din il-proposta tista’ tagħti prijorita’ lill-għajnuna finanzjarja u tgħin sabiex tindirizza l-pressjonijiet dejjem jiżdiedu ta’ koppji żgħażagħ meta jiġu biex jixtru l-propjeta’ tagħhom.

Nipproponu wkoll li sidien ta’ strutturi mibnija biex iħarsu l-ambjent (eco-buildings) jingħataw firxa ta’ inċentivi finanzjarji kif ukoll krediti u tnaqqis mit-taxxi. Inċentivi finanzjarji jistgħu jinkludu għotjiet mill-istat għal investiment minn enerġija li tiġġedded.

## Proposti għall-Budget 2018

12

| Bracket f'€ | Numru ta' ħaddiema | Perċentwal | Rata € | Kumpens € |
|---|---|---|---|---|
| €8,736-€9,999 | 10,591 | 100% | 200 | 2,118,200 |
| €10,000-€15,000 | 32,832 | 90% | 180 | 5,909,760 |
| €15,001-€20,000 | 31,711 | 75% | 150 | 4,756,650 |
| | **75,134** | | | **€12,784,610** |

## Kumpens għal btajjel pubbliċi mnaqqsa

Il-proposta sabiex jingħata kumpens għal numru ta' vaganzi pubbliċi mnaqqsa, hi li jiżdied il-bonus annwali statutorju li jingħata lill-ħaddiema mal-paga bażika. Il-bonus addizzjonali għandu jitħallas mill-Gvern permezz ta' ċekk maħruġ mit-Teżor. Dan il-bonus għandu jkun stmat b'referenza għall-

paga bażika iżda imħallas b'mod sħiħ għal persuni li jaqilgħu sa €8,500 u b'rata mnaqqsa għal dħul li jaqbeż dan l-ammont imma sa dħul massimu ta' €20,000.

Il-proposta se jkollha impatt pożittiv għax iżżid id-dħul għal dawk li jirċievu l-kumpens u għalhekk potenzjalment iżżid il-konsum. Il-proposta ma taffettwax lill-produttivita' b'mod negattiv. Għall-kuntrarju, tista' isservi biex issaħħaħ il-produttivita' fost dawk li jirċievu l-kumpens.

2590 5000
www.uhm.org.mt
info@uhm.org.mt